MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 355/2011

**Focal Maritime Services Company Limited (C-21561)**

**Vs**

**Top Hat Company Limited (C-15978)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà Focal Maritime Services Company Limited fid-19 ta' Ottubru 2011 permezz ta' liema titlob li s-socjetà Top Hat Company Limited tigi kkundannata thallasha f'isem il-Principal taghha Sermar Line SRL is-somma ta' erbat elef seba' mija tlieta u sebghin Euro (€4,773) rapprezentanti *demurrage charges* mit-8 ta' Frar 2007 sal-21 ta' Dicembru 2007 in konnessjoni mal-container numru SERU 2200660 ex m/v Carola voy.022, li ntbaghat minn Malta ghal Istanbul it-Turkija, bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2009 u tal-25 ta' Ottubru 2010, kontra s-socjetà Top Hat Company Limited;

Rat id-dokument Dok. “A” anness mar-Rikors promotur a fol. 2 sa’ 6 tal-process;

Rat li waqt is-seduta tal-21 ta’ Novembru 2011, bi qbil bejn il-partijiet gie verbalizzat li r-Risposta pprezentata mis-socjetà konvenuta fil-kawza fl-ismijiet “Focal Maritime Services Company Limited v. Top Hat Company Limited” Rikors Nru. 355/11, pendenti quddiem il-Qorti kif presjeduta, tghodd ukoll ghal dawn il-proceduri;

Ghalhekk rat li bir-Risposta pprezentata mis-socjetà Top Hat Company Limited fit-18 ta’ Novembru 2011 fil-kawza appena indikata l-imsemmija socjetà topponi ghat-talba tas-socjetà attrici u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li l-ammont minnha reklamat ma huwiex dovut u dana kif se jirrizulta wara li jingabru l-provi kollha;

Semghet ix-xhieda ta’ Charlene Barbara moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Marzu 2012 u rat id-dokument Dok. “CB1” minnha esebit waqt l-imsemmija seduta;

Rat illi ghalkemm is-socjetà konvenuta giet awtorizzata tressaq ix-xhieda ta’ Emanuel Bugeja permezz ta’ affidavit, tali affidavit baqa’ ma giex ipprezentat, fatt dan notat u rilevat mill-Qorti waqt is-seduta ta’ l-10 ta’ Dicembru 2012 u waqt liema seduta gie dikjarat maghluq l-istadju tal-provi tas-socjetà konvenuta u dana anke minhabba l-fatt li b’referenza ghal Rikors ghal differiment li gie pprezentat mis-socjetà konvenuta rrizulta li dakinhar ta’ l-10 ta’ Dicembru 2012 ma kien hemm ebda guri li kien qed jinstema’;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Bl-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi ikkundannata thallasha f’isem il-Principal taghha Sermar Line SRL is-somma ta’ €4,773 rapprezentanti *demurrage charges* mit-8 ta’ Frar 2007 sal-

21 ta' Dicembru 2007 in konnessjoni mal-container numru SERU 2200660 ex m/v Carola voy.022, li ntbaghat minn Malta ghal Istabul, it-Turkija.

Ghalkemm is-socjetà konvenuta laqghet ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li l-ammont reklamat mis-socjetà attrici ma huwiex dovut, hija baqghet ma ressqet ebda prova in sostenn ta' dan u dana billi l-affidavit ta' Emanuel Bugeja baqa' ma gie ipprezentat qatt u meta l-kawza kienet differita ghall-provi taghha talbet differiment in bazi ghall-allegazzjoni li d-difensur taghha kien impenjat f'guri, meta rrizulta li bhala fatt dan ma kienx minnu in kwantu dakinhar li s-socjetà konvenuta kellha tressaq il-provi taghha ma kien qed jinstema' ebda guri.

Is-socjetà attrici ressqet bhala xhud lil Charlene Barbara li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2012 ikkonfermat li l-ammont ta' €4,773 pretiz mis-socjetà attrici minghand is-socjetà konvenuta ma thallasx u ghadu dovut. Peress illi din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta, il-Qorti hija sodisfatta li t-talba attrici hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dan ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjetà attrici f'isem il-Principal taghha Sermar Line SRL is-somma ta' €4,773 rapprezentanti *demurrage charges* mit-8 ta' Frar 2007 sal-21 ta' Dicembru 2007 in konnessjoni mal-container numru SERU 2200660 ex m/v Carola voy.022, li ntbaghat minn Malta ghal Istanbul, it-Turkija, bl-imghax legali dekoribbli is-16 ta' Ottubru 2009, id-data ta' l-ewwel ittra ufficjali mibghuta mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittri ufficjali datati 16 ta' Ottubru 2009 u 25 ta' Ottubru 2010, jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------